**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Ġunju 2018 – Cotécnica vs EUIPO – Mignini & Petrini (cotecnica MAXIMA)**

**(Kawża T-136/17)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva cotecnica MAXIMA — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti MAXIM Alimento Superpremium — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)")***

(2018/C 259/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Cotécnica, SCCL (Bellpuig, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment J. C. Erdozain López, J. Galán López u J.-B. Devaureix, sussegwentement J. C. Erdozain López, J. Galán López u L. Montoya Terán, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Mignini & Petrini SpA (Petrignano di Assisi, l-Italja) (rappreżentanti: F. Celluprica, F. Fischetti et F. De Bono, avukati)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Novembru 2016 (Każ R 853/2016-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Mignini & Petrini u Cotécnica.

## Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Cotécnica, SCCL, għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Mignini & Petrini SpA.*

([1]) ĠU C 129, 24.4.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2018 – Emcur vs EUIPO – Emcure Pharmaceuticals (EMCURE)**

**(Kawża T-165/17)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea EMCURE — Trade marks verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea u Nazzjonali EMCUR — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]")***

(2018/C 259/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Emcur Gesundheitsmittel aus Bad Ems GmbH (Bad Ems, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Bröcker, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Emcure Pharmaceuticals Ltd (Bhosari, l-Indja)